



Netwerk Ewropew ta' Bliet għal Politika ta' Integrazzjoni Lokali għall-Immigranti

fuljett ta' tagħrif

'Għalkemm l-integrazzjoni għandha ħafna x'toffri lil membri ġodda, u fit-tul, milli kieku dawn kellhom jibqgħu f'komunitajiet magħluqa u separati, jibqa' l-fatt li din mhix xi proċess faċli u awtomatiku. Jidher ukoll li l-integrazzjoni hija l-unika għażla loġika biex niżguraw li l-bliet tagħna jiżviluppaw b'mod sostenibbli.'

Wolfgang Schuster,

Is-Sindku ta' Stuttgart, fl-inawgurazzjoni tan-Netwerk CLIP, 11 ta' Settembru 2006, Dublin.



Fir-rebbiegħa ta' l-2006, il-Kungress ta' l-awtoritajiet lokali u reġjonali tal-Kunsill ta' l-Ewropa, il-Belt ta' Stuttgart u l-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet ta' l-Għajxien u tax-Xogħol, ħolqu Netwerk Ewropew ta' Bliet għal Politika ta' Integrazzjoni Lokali għall-Immigranti (CLIP). B'din l-inizjattiva konġunta l-Fondazzjoni tissokta l-attività stabbilita tagħha fil-qasam ta' l-inklużjoni soċjali.

Il-bliet Ewropej u b'mod partikolari l-bliet prinċipali b'ekonomiji b'saħħithom jattiraw immigranti minn madwar id-dinja kollha. Dawn il-bliet diġà għandhom esperjenza vasta ta' kif jintegraw popolazzjoni ferm eteroġena u kulturalment diversa fil-komunità lokali. Huma wkoll ċentri ta' kompetenza fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' strateġiji għall-integrazzjoni u għal parteċipazzjoni akbar ta' immigranti u minoranzi etniċi. Fl-istess ħin, madankollu, il-bliet u l-muniċipalitajiet huma wkoll l-unitajiet li jkollhom iħallsu l-prezz għal proċessi ta' integrazzjoni li ma jirnexxux. U dan minkejja li mhumiex fil-pożizzjoni sabiex jirregolaw huma nfishom il-flussi ta' l-immigrazzjoni, u jiddependu fuq leġiżlazzjoni nazzjonali u federali fil-kwistjonijiet kollha marbuta ma' l-immigrazzjoni. Għal din ir-raġuni, il-bliet u l-muniċipalitajiet għandhom interess ġenwin li l-prattiċi ta' integrazzjoni lokali jirnexxu.

Il-konferenzi Ewropej dwar kwistjonijiet ta' integrazzjoni ġeneralment ma jkunux miftuħa biżżejjed għat-trasferiment bejn il-bliet ta' prattiċi li rnexxew, jew saħansitra għat-trasferiment ta' informazzjoni minn awtoritajiet lokali għal awtoritajiet nazzjonali jew Ewropej (jew bil-kontra), billi dawn ġeneralment jittrattaw suġġetti ġenerali jew iżolati u ma jkollhom ebda tkompliġja istituzzjonalizzata. Dan iwassal għas-sitwazzjoni paradossali fejn, minkejja li jiġu organizzati diversi konferenzi u seminars, u minkejja li titqassam informazzjoni dwar it-titjib ta' politika ta' integrazzjoni, it-tagħrif ippreżentat fihom rari jilħaq il-livell prattiku fil-bliet u l-muniċipalitajiet.

Għanijiet

Dak li jikkarakterizza dan in-netwerk huwa min-naħa waħda l-iskambju bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi u min-naħa l-oħra riċerka relatata ma' l-azzjoni politika. L-isfidi deskritti hawn fuq jistgħu għalhekk jiġu indirizzati minn dan in-netwerk il-ġdid b'mod innovattiv billi jintuża proċess ta' *peer review* sostnut b'mod xjentifiku. Permezz ta' qsim strutturat ta' esperjenzi, il-proġett għandu l-għan li jgħin lill-awtoritajiet lokali jitgħallmu minn xulxin u jipprovdu politika ta' integrazzjoni aktar effettiva għall-immigranti. Barra minn hekk, l-analiżi li ssir tibda tkun il-bażi tad-dibattiti li jkunu għaddejjin dwar il-politika Ewropea billi tipprovdi kunċetti friski ispirati minn politika ta' integrazzjoni fuq livell lokali.

Is-CLIP jopera b'dawn il-miri:

- Li jiġbor u janalizza linji politiċi innovattivi implimentati b'suċċess fil-livell lokali
- Li jiffaċilita l-qsim ta' esperjenzi bejn il-bliet u jinkoraġġixxi proċess ta' taġħlim fi ħdan in-netwerk ta' bliet (*benchmarking* u *peer review*)
- Li jevalwa s-sehem tal-kumpaniji, l-imsieħba soċjali, l-organizzazzjonijiet reliġjużi, l-NGOs u l-organizzazzjonijiet volontarji fis-suċċess li kellhom linji politiċi ta' integrazzjoni fuq livell lokali
- Li jipprovdi evalwazzjoni oġġettiva ta' prattiċi u inizjattivi kurrenti u jiddiskuti t-trasferibilità tagħhom
- Li jikkomunika prattiċi tajbin lil bliet oħra fl-Ewropa u jiżviluppa linji gwida għal prattika tajba biex jgħin lill-bliet iwiegħbu b'mod effettiv għall-isfida li għandhom sabiex jintegraw lill-immigranti

- Li jgħin biex il-politika Ewropea ta' integrazzjoni tkompli tiżviluppa billi jikkomunika esperjenzi rilevanti għat-tfassil ta' politika, kif ukoll ix-xogħol prodott min-netwerk: lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-bliet u l-awtoritajiet lokali u reġjonali; lill-organizzazzjonijiet Ewropej, u anke daww nazzjonali, ta' l-imsieħba soċjali; lill-Kunsill ta' l-Ewropa, u d-diversi istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea.

Kif jaħdem is-CLIP

Fil-faċi inizjali tiegħu n-netwerk se jkun magħmul minn madwar 30 belt – kemm minn daww fl-UE kif ukoll minn uħud li mhumiex. In-netwerk se jaħdem id f'id ma' grupp xjentifiku biex jeżamina kif jistgħu jittejjbu l-linji politiċi u l-prattiċi għall-integrazzjoni lokali ta' l-immigranti. Il-metodu huwa msejjes fuq studji ta' każi partikulari, liema każi se jkunu analizzati b'kollaborazzjoni bejn il-bliet u l-grupp xjentifiku. Għal dan il-għan, ir-riċerkaturi se jżuru, għal ftit ġranet, kull belt li tkun qiegħda tipparteċipa. Il-bliet se jgawdu huma stess minn dawn l-istudji ta' każi partikulari, li se jkunu ta' kwalità għolja u bla ħlas, kif ukoll mill-kuntatt regolari man-netwerk tal-bliet u man-netwerk ta' riċerka. Il-bliet igawdu direttament ukoll mill-qsim ta' esperjenzi fi proċessi organizzati fuq medda twila ta' żmien bil-għan li l-bliet jittgħallmu minn xulxin. Dawn l-istudji ta' każi partikulari u l-proċess ta' *peer review* se jipprovdu l-bażi għat-tfassil ta' linji gwida għal politika u prattika tajba.

Il-grupp xjentifiku għas-sostenn

Il-grupp huwa kkoordinat minn Friedrich Heckmann u Wolfgang Bosswick mill-Forum Ewropew għall-Istudji dwar l-Immigrazzjoni fl-Università ta' Bamberg. Membri oħra tat-tim ta' riċerka huma Sarah Spencer miċ-Ċentru dwar il-Politika ta' l-Immigrazzjoni fis-Soċjetà fl-Università ta' Oxford; Rinus Penninx mill-Istitut għall-Migrazzjoni u Studji Etniċi fl-Università ta' Amsterdam; Heinz Fassmann mill-Akkademja Awstrijaka tax-Xjenzi; u Marco Martiniello miċ-Ċentru għall-Istudji Etniċi u tal-Migrazzjoni fl-Università ta' Liège. Il-ħames ċentri ta' riċerka huma parti min-Netwerk ta' Eċċellenza li jsegwi linji politiċi ta' integrazzjoni ta' l-immigranti (IMISCO), li huwa sponsorjat mill-Kummissjoni Ewropea skond is-Sitt Programm ta' Qafas dwar ir-riċerka xjentifika.

Is-Suġġetti

In-netwerk jaħdem b'moduli. F'kull modulu jiġi diskuss suġġett speċifiku rilevanti għall-integrazzjoni ta' l-immigranti fuq il-livell lokali. L-ewwel żewġ moduli — li diġà sar xogħol fuqhom min-netwerk — huma:

- Is-segregazzjoni, l-aċċess, il-kwalità u l-prezz tad-djar għall-immigranti
- Il-politika dwar id-diversità fil-bliet fejn tidħol il-provvista ta' servizzi soċjali; il-politika interna tal-bliet dwar il-ħaddiema, li tinkludi l-aċċess għax-xogħol għall-immigranti; u l-linji politiċi kontra d-diskriminazzjoni

Suġġetti oħra jistgħu jinkludu:

- Id-djalogu bejn il-kulturi u bejn ir-reliġjonijiet
- L-għajnuna relatata ma' l-intraprenditorija ta' l-immigranti
- L-għajnuna relatata ma' l-edukazzjoni ta' l-immigranti mil-livell ta' *crèche* u *kindergarten* sa l-edukazzjoni terzjarja
- L-aċċess u l-kwalità tal-kura tas-saħħa għall-immigranti
- Linji politiċi ta' integrazzjoni kulturali (lingwa, reliġjon, kultura tal-pajjiż ta' l-oriġni, sports)
- Il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni ċivika u politika ta' l-immigranti
- Il-qagħda ta' l-immigranti mhux dokumentati
- Is-sigurtà personali u l-vjolenza fil-komunità
- Linji politiċi lokali dwar is-suq tax-xogħol li jinkludu t-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid għall-immigranti

Il-bliet parteċipanti fin-netwerk tas-CLIP

Amsterdam, Antwerp, Arnsberg, Ateni, Deputación de Barcelona, Bratislava, Breda, Brescia, Budapest, Copenhagen, Dublin, Frankfurt am Main, Istanbul, İzmir, Liege, Liżbona, Il-Lussemburgu, Marsilja, Praga, Pariġi, Sefton, Sintra, Stuttgart, Terrassa, Turku, Vjenna, Wolverhampton, Żagreb

Xogħol prodott

Kull modulu għandu jipproduċi rapport komparattiv imsejjes fuq l-istudji ta' każi partikulari flimkien ma' sett ta' rakkomandazzjonijiet dwar il-politika. Se jitħejjew ukoll linji gwida għal prattika tajba. Wara t-tlestija ta' kull modulu, fid-*database* ta' l-inizjattivi jiżdedu bejn 15-20 studju ta' każi partikulari. Il-prodotti kollha se jkunu disponibbli fuq il-websajt tal-Fondazzjoni www.eurofund.europa.eu u għandhom jassistu lill-utenti biex isibu l-informazzjoni u jevalwaw ir-riżultati ta' miżuri differenti għall-integrazzjoni.



STUTTGART



Aktar taħrif:

L-Uffiċjal għall-koordinament ta' l-informazzjoni:
Teresa Renehan ter@eurofound.europa.eu

Publikazzjonijiet:

Rapport tal-kunċett 'Integration of immigrants: contribution of local and regional authorities'
<http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef0622.htm>

'Local integration policies for migrants in Europe'
<http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef0631.htm>